# LECTIO DIVINA

# IV ĦADD TAL-GĦID (SENA A)

**Ġw 10:1-10**

**[F'dak iż-żmien]**

Din is-silta tagħmel parti minn sezzjoni importanti ta' Ġw (7:1-10:42) li fiha nsibu r-rivelazzjoni ta' Ġesù lid-dinja fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Il-kliem ta' Ġesù jiġi dritt wara l-fejqan tal-għama minn twelidu (cfr *Ġw* 9) li jseħħ fil-kuntest tal-Festa tal-Għerejjex (cfr *Ġw* 7:2) li matulha l-Poplu kien ifakkar l-għeġubijiet li Alla wettaq miegħu meta kien jgħammar fit-tined ġewwa d-deżert fi triqtu lejn l-Art Imwiegħda. Ftit wara din is-silta taħbat festa liturġika oħra, dik «tal-Konsagrazzjoni tat-Tempju» (*Ġw* 10:22) li kienet tfakkar id-dedikazzjoni mill-ġdid tat-Tempju fi żmien Ġuda l-Makkabi wara li kien ġie ipprofanat minn Antijoku Epifani (cfr *1Mak* 4). F'din il-festa kienet tiġi mxandra fis-sinagoga s-silta tal-profeta Eżekjel (kap. 34) li titkellem dwar ir-ragħajja u n-nagħaġ. Għaldaqstant nifhmu li dan il-kliem ta' Ġesù jkompli mar-rivelazzjoni tiegħu bħala «d-dawl tad-dinja» (*Ġw* 8:12) u jsegwu l-konfront li jqum bejn Ġesù u l-Fariżej wara l-fejqan tal-għama.

**Ġesù qal: «Tassew tassew ngħidilkom, min ma jidħolx fil-maqjel tan-nagħaġ mill-bieb imma jaqbeż minn naħa oħra, dak hu ħalliel u brigant. Imma min jidħol mill-bieb hu r-ragħaj tan-nagħaġ.**

Ġesù jibda b'mod solenni din il-parabbola ( gr.«Ἀμὴν ἀμὴν», tr. *amen, amen*) li tħabbar rivelazzjoni importanti. B'differenza mill-profeti li kienu jitkellmu f'isem il-Mulej, Ġesù huwa Dak li *jgħid*, b'dik l-awtorità ta' «Bin il-bniedem» u l-«Mulej» (cfr *Ġw* 9:35-39). Hu jitkellem mill-«maqjel tan-nagħaġ» li kien ikun imdawwar b'ħajt li fuqu kien ikellu xewk li ma kienx iħalli lin-nagħaġ jaqbżu jew lill-ilpup jidħlu. Minbarra dan, it-terminu użat minn Ġw (gr.«αὐλή, tr.*aule*) aktar minn «maqjel» jindika l-*bitħa* tat-Tabernaklu jew tat-Tempju (cfr *Eż* 27:9; *Apok* 11:2). Fl-istess waqt, it-terminu «nagħaġ» huwa użat fit-TQ b'referenza għal Poplu ta' Alla (cfr *Eż* 34:31; *Ġer* 23:1; *Mik* 2:12), kif insibuh anki fit-TĠ: «kienu mdejjqa u mitluqa bħal nagħaġ bla ragħaj» (*Mt* 9:36; cfr *Mk* 6:34; *Mt* 10:6; 15:24). Għalhekk Ġesù huwa

«r-ragħaj tan-nagħaġ» li jidħol mill-bieb tat-Tempju: «Intrefgħu, bibien, infetħu, intom bibien ta' dejjem, ħalli jidħol is-Sultan tal-glorja!» (*S* 24:9). Huwa «r-Ragħaj il-kbir tan-nagħaġ» (*Lhud* 13:20) li juri ruħu fil-festa tat-Tempju bħala dak li ser iwettaq patt ġdid fejn it-Tempju l-ġdid huwa l-ġisem tiegħu (cfr *Ġw* 2:21).

**Min ikun mal-bieb lilu jiftaħ, in-nagħaġ minn leħnu jisimgħu, u hu jsejjaħ in-nagħaġ tiegħu waħda waħda b'isimhom u joħroġhom barra.**

Għar-ragħaj in-nagħaġ qatt ma jgħibu f'merħla anonima imma jafhom b'mod persunali. Hu jagħrafna b'isimna (cfr *Eż* 33:17), attent għas-sitwazzjoni partikulari ta' kull waħda min-nagħaġ tiegħu: «Jiena nfittex il-mitlufa, inreġġa' lura l-imxerrda, ninfaxxa l-ġrieħi tal-miġrugħa, u nqawwi l-marida. Nħares is-smina u l-qawwija, u nirgħahom bil-ġustizzja.» (*Eżek* 34:15-16). Hu, «id-Dawl tad-dinja», dak li min jieħdu l-għatx imur għandU u jixrob (cfr *Ġw* 7:37), huwa dak li jgħid lill-imjassrin «"Oħorġu!" u lil dawk li huma fid-dlam: "Ejjew għad-dawl!" Huma jirgħu matul it-triq, u fuq kull għolja għerja jsibu l-merħla tagħhom. Ma jeħodhomx il-ġuħ u anqas l-għatx, u ma tolqothomx is-sħana u lanqas ix-xemx. Għax min iħenn għalihom imexxihom, u jgħaddihom minn ħdejn għejun ta' ilma." (*Is* 49:9-10). Huwa «l-Qaddis, il-Veru li għandu l-muftieħ ta' David, li jiftaħ u ħadd ma jagħlaq, jagħlaq u ħadd ma jiftaħ» (*Apok* 3:7), li m'hemmx salvazzjoni («mergħat kollhom ħdura», *S* 23:2) jekk mhux permezz tiegħu.

**U meta joħroġ in-nagħaġ tiegħu, huwa jmur quddiemhom u n-nagħaġ jimxu warajh, għax jisimgħu leħnu.**

Is-sejħa tan-nagħaġ hija li *jisimgħu* lir-Ragħaj: «Isma', Iżrael» (*Dt* 5:1; cfr 7:12-13). Huma jisimgħu «leħen il-maħbub» (*Għan* 2:8) u jitniehdu, bħal maħbuba għal maħbub tagħha, sabiex isemmgħalhom leħnu (cfr *Għan* 8:13), għax «jekk int tibqa' sieket miegħi, inkun nixbah lil min jinżel fil-ħofra» (*S* 28:1). Huwa jimxi quddiemhom u jurihom it-triq tal-eżodu lejn il-patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem, huwa u jmexxi lejl u nhar lil dawk li huma «tiegħu» (cfr *Eż* 13:21).

**Imma wara wieħed barrani ma jimxux, anzi jaħarbu minnu għax leħen barrani ma jafuhx.»**

In-nagħaġ għandhom il-ħila jagħżlu l-leħen tar-Ragħaj minn leħen barrani. Dan jagħmluh permezz tal-eżerċizzju tad-dixxerniment biex jgħarblu dak li jisimgħu: «Qisu li ħadd ma ijassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skont dak li hu ġej mill-bnedmin, skont il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu.» (*Kol* 2:8); «oqogħdu attenti kif tisimgħu» (*Lq* 8:18); «Aħna, iżda, ġejjin minn Alla; mela min jagħraf 'l Alla jisma' lilna, u min mhuwiex minn Alla ma jagħtiniex widen. Minn dan nagħrfu liema hu l-ispirtu tal-verità u liema hu l-ispirtu tal-gideb.» (*1Ġw* 4:6).

**Din il-parabbola qalhielhom Ġesù, iżda huma ma fehmux x'ried jgħidilhom biha.**

Il-kliem ta' Ġesù jirriżulta *enigmatiku* (gr.«παροιμια», tr.*paroimía*) għal dawk li qed jisimgħuh. Huwa diskors li jitlob spjegazzjoni aktar ċara mingħand Ġesù u li jseħħ tassew bil-fidwa tiegħu u bl-għoti tal-Ispirtu s-Santu li jwassal lid-dixxipli għall-verità sħiħa (cfr *Ġw* 16:13). Iżda d-diffikultà li wieħed jifhem il-kliem ta' Ġesù hija dovuta wkoll għan-nuqqas ta' doċilità biex il-qalb tilqa' l-Kelma tiegħu. Dan jiġri meta bħal Fariżej il-bniedem jibqa' fid-dlam frott is-suppervja tiegħu (cfr *Ġw* 9:41) u allura «la jafu u lanqas jifhmu, fid-dlam qegħdin jimxu» (*S* 82:5). B'konsegwenza ta' dan, il-leħen tar-ragħaj minflok iwassal għat-tidwil iwassal biex wieħed jingħalaq aktar: «Semmen qalb dan il-poplu, soddlu widnejh, agħmilu għajnejh, li ma jmurx jara b'għajnejh, u jisma' b'widnejh, u f'qalbu jifhem, u jdur u jfiq.» (*Is* 6:10).

**Għalhekk Ġesù raġa' qalilhom: «Tassew, tassew ngħidilkom li l-bieb tan-nagħaġ huwa jien.**

Ġesù juża l-formula divina (gr. «ἐγώ εἰμι»; tr. *ego eimi*; cfr *Ġw* 6:35.48.51; 8:12; 11:25; 14:6; 15:15) biex jistqarr li hu l-uniku (*il-*) Bieb. Għalih japplikaw il-kelmiet tas-Salmista: «Dan hu bieb il-Mulej; il-ġusti jidħlu minnu.» (*S* 118:20). Fl-Iskrittura l-bieb mhuwiex sempliċi apertura f'ħajt li minnha wieħed jidħol u joħroġ imma huwa *post* fejn wieħed jiltaqa' u jirrelata mal-oħrajn (cfr *Rut* 4:1; *Prov* 31:23). Kristu huwa l-bieb tad-dħul u l-ħruġ tal-bniedem, ta' dak li jagħmel, jgħid, jaħseb u jgħix: «fih ngħixu, nitħarrku u aħna» (*Atti* 17:28).

Hu "l-bieb sabiħ, il-bieb tal-imħabba, il-bieb li ma jqarraqx, li mhuwiex falz. Dejjem jgħid il-verità. Iżda b'tenerezza, b'imħabba." (Papa Franġisku, *Omelija Santa Marta* 22 Apr 2013).

**Dawk kollha li ġew qabli huma ħallelin u briganti. Iżda n-nagħaġ lilhom ma semgħuhomx.**

Min jixtieq iqarraq ifalli quddiem in-nagħaġ li ma jagħtuhx widen. Il-ħalliel u l-brigant huwa dak li jipprova "jaqbeż" lir-Ragħaj u *jilgħabha* ta' gwida tal-merħla. Biss min ma jimxix wara r-ragħaj, min ma "jiġborx" il-merħla miegħU, jispiċċa "jxerred" (cfr *Mt* 12:30). Id-dixxiplu jeħtieġ joqgħod attent li ma jaqbiżx lill-Imgħallem hekk li jinsa postu u l-missjoni tiegħu u jaqa' f'dik li l-Papa sejħilha t-*tentazzjoni li nimxu bla boxxla u bla destinazzjoni*: "L-ikkonsagrat jitlef l-identità tiegħu u jispiċċa biex ikun 'la laħam u lanqas ħut'. Jgħix b'qalbu maqsuma bejn Alla u l-mondanità. Jinsa l-ewwel imħabba tiegħu (cfr *Apok* 2:4). Fir-realtà, bla identità ċara u soda l-ikkonsagrat jimxi bla orjentament ta' xejn u flok jiggwida lill-oħrajn, igerrixhom." (Papa Franġisku, *Diskors lill-kleru, reliġjużi u seminaristi*, il-Kajr 29 Apr 2017).

**Jiena hu l-bieb; jekk xi ħadd jidħol ġewwa permezz tiegħi jsalva, u jidħol u joħroġ u jsib fejn jirgħa.**

L-espressjoni *tidħol u toħroġ* tfisser it-totalità tal-ħajja tal-bniedem li f'dan il-każ jgħix fil-Mulej: ħajtu hija Kristu (cfr *Kol* 3:3-4), għax «hu ħalaqna, u aħna tiegħu, aħna l-poplu tiegħu u n-nagħaġ tal-mergħa tiegħu" (*S* 100:3).

**Il-ħalliel ma jidħolx jekk mhux biex jisraq u joqtol u jeqred.**

Il-ħalliel li minnu jitkellem Ġesù huwa r-ragħaj li jirgħa lilu nnifsu (cfr *Eżek* 34:2) li jkun kawża ta' ħsara għall-merħla. Il-verbi li jintużaw jistgħu jiġu applikati għal dawn ir-ragħajja ħżiena – infatti l-verb «joqtol» jagħmel allużjoni għall-azzjoni ta' sagrifiċċju (gr. «θύω»tr.*thýō*): ir-ragħaj ħażin *jisraq* lill-merħla mil-libertà tagħha bil-piżijiet li bihom jgħabbiha u li hu lanqas b'sebgħu wieħed ma jerfa', *joqtol* l-imħabba ta' Alla fil-qalb tal-bniedem li tisfa' korrotta fuq l-artal tal-egoċentriżmu tiegħu, u *jeqred* lill-persuna huwa u jbiegħda mis-salvazzjoni (cfr *Mt* 23; *Lq* 11:46). "Il-Poplu ta' Alla għandu bżonn imexxuh ragħajja li jqattgħu ħajjithom għall-qadi tal-Vanġelu." (Messaġġ Jum il-Vokazzjonijiet 2017)

**Jiena ġejt fostkom biex ikollkom il-ħajja, u ħajja bil-kotra.**

«Din hija kelma ta' min jemminha u jilqagħha għalkollox: li Kristu Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin, u fosthom, lili l-ewwel wieħed.» (*1 Tim* 1:15). Hu nnifsu li hu «l-ħajja ta' dejjem li kienet għand il-Missier u dehret lilna» (*1Ġw* 1:2; cfr *Ġw* 14:6), bl-għotja sħiħa u ħielsa ta' ħajtu għan-nagħaġ tiegħu (cfr *Ġw* 10:17-18), tana l-«ħajja ta' dejjem» (*Ġw* 10:28). Kristu Rxoxt fil-glorja tal-Missier, «il-Ħaruf, li hemm f'nofs it-tron», huwa «-ragħaj tagħhom; u hu jwassalhom ħdejn ilmijiet tal-għejun tal-ħajja» (*Apok* 7:17). Id-dixxiplu hu msejjaħ biex ikun xhud u xandar din il-ħajja.

**Għar-riflessjoni**

"Hemm bżonn li spiss ngħid u nirrepeti l-istess affarijiet: oqogħdu attenti li ma tħobbux lil x'uħud u tobogħdu oħrajn, li tgħinu lil wieħed u tinsew lill-ieħor u b'hekk kull taħbit tagħkom ikun fieragħ u kull sforz tagħkom jisfa mitluf. Meta toħorġu minn dan il-ġisem u, meħlusa mit-taqlib ta' din id-dinja, taħsbu li ser taslu fil-port tal-mistrieħ, allura tintebhu bin-nawfraġju kkawżat mill-inġustizzja tagħkom u tkunu mkejla bl-istess kejl li tkunu kejjitlu bih intom (cfr *Mt* 7:2) minn dak li jagħmel ħaqq mingħajr ma jħares lejn l-uċuħ (cfr *1Pt* 1:17; *Dt* 10:17)... Għalhekk, ħalli kull wieħed minnkom, b'kull prudenza u interess ġenwin, iħares il-merħla li ġiet afdata lilu u jsir jixbah lir-ragħajja tal-vanġelu li ma kinux qed jorqdu, imma kienu qed jishru meta l-anġlu tal-Mulej mar għandhom biex iħabbrilhom il-miġja tas-Salvatur... Taħbsu li kienu l-uniċi ragħajja li f'dak iż-żmien kienu qed jirgħu n-nagħaġ u li kienu jirgħuhom f'postijiet deżerti? Imma għax huma kien jimpurtahom u kienu jirbħu n-ngħas naturali tal-lejl minħabba l-biża' tal-attakk ta' xi lpup, stħaqqilhom ikunu l-ewwel li jisimgħu dak li ġara fl-inħawi, filwaqt li Ġerusalemm baqgħet rieqda tinjora dan kollu."

ORSIESI, *Libro* 15-17. [wieħed mill-*padres* tal-monakeżimu fl-Eġittu; seklu IV-V]

Source: Monastero di Bose, *Nuove letture dei giorni*, Edizioni Qiqajon 2010, 506.